MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 341/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Iro Azzopardi**

**Illum 16 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 197276(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Dicembru 2012 u Jannar 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Doreen Azzopardi u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikolha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Lulju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba kontrih jew b’mod alternattiv tvarja s-sentenza appellanta billi tikkonfermaha f’dik il-parti li sabet htija pero` thassaraha f’dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tikkundannah ghall-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b’mod ragonevoli tasal ghall-htija ta’ l-appellant stante li huwa kien fl-impossibilita` li hallas il-manteniment lill-martu ghaz-zewg uliedu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti hija wahda esagerata tenut kont li l-appellant mhux bi pjacir tieghu ma ottemporax ruhu mal-kuntratt tas-separazzjoni pero` minhabba ragunijiet ta’ sahha.

Rat l-Atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Permezz ta’ kuntratt in Atti nutar Erika Vella ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2004 l-appellant Iro Azzopardi ssepara minn martu Doreen Azzopardi u skond l-artiklu 7 ta’ fuq l-imsemmi kuntratt l-appellant kien marbut illi jaghi ammont

ta’ flus lil martu bhala manteniment ghaz-zewg uliedu minuri Taiain u Gianluca. Jidher illi naqas illi jaghti manteniment ghall-uliedu bejn Dicembru, 2012 u Jannar, 2013 u ghalhekk gie mixli quddiem il-Qorti talli naqas illi jipprovdi dan il-manteniment.

B’Sentenza moghtija fit-8 ta’ Lulju, 2013 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar ditenzjoni. L-appellant hassu agravat min din is-Sentenza u minnha nterpona appell ghax dehrlu illi huwa kien fl-impossibilita illi jaqdi din l-obligazzoni peress illi wegga fuq ix-xoghol u ma kellux mezzi finanzjarji.

Ikkunsidrat.

L-appellant fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti jammetti illi huwa naqas illi jaghti manteniment fid-dati ndikati fic-citazzjoni, pero’ spjega li f’Marsu ta’ l-2011 kellu ncident serju fejn fuq il-post tax-xoghol waqghet tunnellata laham fuqu u wegga dahru. Illum jghix ma ommu u missieru u peress li gie mkecci mix-xoghol u gie mcahhad mill-beneficji socjali m’ghandu ntrojtu ta’ xejn u mhuwiex f’pozizzjoni illi versa l-manteniment kif kien obligat jaghmel. Spjega wkoll illi originaljament kien ser ihallas ghall-manteniment missieru, pero’ peress li dana marad ma kienx f’pozizzjoni illi jaghmel dan. Skola m’ghandux pero’ jghid illi dak illi jara b’ghajnejh jaghmlu b’idejh. Informa lill-Qorti wkoll illi kien ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Familja ghal varjazzjoni tal-manteniment izda dan ir-rikors ilu pendenti kwazi sena u ma giex degretat, ghalhekk huwa ecepixxa illi jinsab fl-impossibilta illi jaqdi l-obligazzjonijiet tieghu naxxenti mill-kuntratt fuq imsemmi u ecepixxa l-principju li “ad impossibilia nemo tenetur” u cioe’ hadd mhu tenut jaghmel dak li hu mpossibli u kkwota favur tieghu l-kawza Il-Pulizija vs Geatano Micallef tat-12 ta’ Marzu, 2009.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ta’ spiss tigi nfaccata b’sitwazzjonijiet simili fejn persuna li tkun obligata illi thallas il-manteniment tonqos

illi taghmel dan il ghaliex tghid illi m'ghandiex flus. Din il-Qorti diversi drabi rribattiet tali argument peress illi ma jistax ikun illi taccetta argumenti bhal dawn ghax altrimenti kull min ikun obligat ihallas xi manteniment facli jghid illi m'ghandux flus, biex jehles mit-tali obligazzjonijiet.

Jibda biex jinghad illi din il-Qoti mhijiex il-Qorti kompetenti illi tiddeciedi l-quantum ta' manteniment dovut lil persuna, bhal ma lanqas ma hi l-Qorti fejn tiddeciedi persuna hijiex gustifikata jew le illi tonqos mill-obligazzjonijiet taghha. Il-Qorti kompetenti biex tieghu dawn id-decizjonijiet hija l-Qorti tal-Familja li hi biss ghandha l-awtorizazzjoni li tiddeciedi illi persuna tkun iddekadiet mill-manteniment jew inkella tordna xi varjazzjonijiet skont il-kaz. Fil-kawza Pulizija vs Anthony Saliba, deciza fil-15 ta' Lulju, 1998 il-Qorti qalet, *". . . . Jekk persuna ma tkunx tista thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obligu taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obligu sancit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellat. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjezzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjenti tali modifika, li jkun jista jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa marbut bl-obligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Ara wkoll Pulizija vs Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru, 2002).

L-appellant jghid illi huwa pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex dan il-manteniment jigi revokat, liema rikors baqa' pendenti u mhux degretat , jekk dana huwa l-kaz, quindi huwa sinjal car illi l-Qorti tal-Familja ma tkunx trid tvarja jew tbiddel tali ordni u jekk l-appellant jidhirlu illi ghandu jinsisti, dejjem jista jaghmel talba lill-Qorti sabiex tiddecidi dak ir-rikors li jkun ipprezenta quddiemha.

Rigward id-difiza ta' mpossibilta, l-Qorti taghmel referenza tal-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Il-pulizija vs Kang Se Il tat-28 ta' Lulju, 1994 fejn il-Qorti

qalet, "*Apart from the academic disquisition of whether or not our Criminal Law recognises the defence of impossibility as proposed by appellant, that is as a defence separate and distinct from other generally recognised defences such as mistake of fact or coercion (Section 33(b) of the Criminal Code) the Court will simply refer to the debate among some Italian text writers as to the so called "teoria del inesigibilita, the prevalent opinion being "( non) ..... possa ammettersi, causa generali che elimina la colpovalezza" (Atolisei manuale di dritto penale parte generale 1989 page 376) – this Court cannot except as a fact that appellant found himself in the impossibility of complying with the Law.*"

F'dan il-kaz l-appellant jaf sew x'inhuma l-Ligijiet ta' dan il-pajjiz, jaf illi huwa obligat illi jhallas manteniment ghall-minuri tieghu, jghid illi huwa ma jistax jahdem wara ncident illi qal li kellu f'Marzu, 2011, pero' fl-istess nifs quddiem din il-Qorti stqarr illi dak li jara b'ghajnejh jaghmlu b'idejh. Quindi xi forma ta' xoghol jista jaghmel, anki fil-mori, sakemm jigi formalment boarded out u moghti xi forma ta' beneficcji jew penzjoni jekk ikun il-kaz.

L-appellant ma ghamel l-ebda attentat sabiex ihallas l-icken ammont ta` manteniment ghall-uliedu u halla r-responsabilta taqa' kompletament u nettament fuq spallejn martu Doreen Azzopardi li fuqha waqghu ukoll l-obligi tal-kustodja tat-tfal.

L-appellant ha s-Sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' Lulju, 2013, pero' fil-mori ta' dan l-appell nonostante x-xahar ditenzjoni mposta fuqhu ma ghamel l-ebda attentat quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex igieghlha tiddekreta t-talba tieghu ghal varjazzjoni ta' l-ordni tal-manteniment.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi jekk l-appellant hassu fl-impossibilta illi jhallas, din l-impossibilta gabha fuqu volontarjament apparti l-incident illi qal illi kellu f'Marzu, 2011.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

L-appellant appella wkoll mix-xahar ditenzjoni illi l-ewwel Qorti mponiet fuqu, ghax qal illi tali terminu huwa esegerat. Il-principju generali huwa illi din il-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwardja l-piena jekk din il-piena hija fil-parametri tal-Ligi, ma hemmx dubju u mhuwiex kontestat illi x-xahar ditenzjoni qieghed fil-parametri tal-Ligi. Pero' din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel certa varjazjoni f'dan it-terminu biex ikun aktar ekwu ghac-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz.

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel talba fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant u tilqa' t-tieni talba billi tvarja s-Sentenza fejn, filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti illi sabet htija, tvarjaha f'dik il-parti fejn errogat il-piena ta' xahar ditenzjoni u minflok, tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' 15 il-gurnata ditenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------